# MIXJA TA' TIĠDID

Nhar l-Erbgħa li għadda bdejna ż-żmien ta' tiġdid tal-ħajja bil-funzjoni tal-Irmied. L-irmied fuq rasna fakkarna li aħna limitati, li aħna dipendenti, li rridu nagħmlu għemejjel li jqaddsuna.
Il-Vanġelu li naqraw fl-Erbgħa tal-Irmied ifakkarna li n-Nisrani jitlob, isum u jagħmel il-karità. Is-sawm u l-astinenza fi żmienna ma nillimitawhomx biss għal dak li għandu x'jaqsam mal-ikel. Għal xi wħud huwa aktar diffiċli li ma jisimgħux il-mużika preferita tagħhom jew li jnaqqsu mis-sigħat twal fuq is-social media.
Fir-Randan nagħmlu esperjenza ta' deżert ma' Ġesù.
Għar-Randan ta' dis-sena għażilna bħala motto, ***Inħarsu f'għajnejn Ġesù***.



Inħarsu f'għajnejn Ġesù u nkellmuh bit-TALB personali li nagħmlu miegħu.
Inħarsu f'għajnejn Ġesù u nħalluh jaħfrilna dnubietna fis-sagrament tal-qrar.
Inħarsu f'għajnejn Ġesù u ngħinuh fil-proxxmu tagħna.

Minn dal-Ħadd 18 ta' Frar, fil-quddiesa tal-9:45am għat-tfal u l-ġenituri se jkollna mixja bit-tema *Inħarsu f'għajnejn Ġesù*. Il-quddiesa tal-11:00am se tkun il-*Journey of Fire #12* indirizzata b'mod speċjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Infakkarkom li kull nhar ta' Erbgħa qed ikollna saċerdoti disponibbli għall-qrar mill-4:30pm sat-8:30pm.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## Avviżi:

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW BNIET:** javżaw li mid-19 sat-23 ta' Frar, it-tfal u l-adolexxenti mhux ser ikollhom tagħlim fil-qasam għaliex il-membri ser ikollhom l-eżerċizzi.

**10K:** il-kors internazzjonali dwar l-għaxar kmandamenti ser jerġa' jibda. Se jkun kull nhar ta' Tlieta, mill-20 ta' Frar, il-Katidral t'Għawdex, fis-7:15pm. Jistgħu jattendu dawk li għandhom minn 18-il sena 'l fuq. Inkella s-Swatar f'Malta, jibda t-Tlieta 27 ta' Frar, fis-7:30pm, u huwa għal dawk minn 18-35 sena.
Jekk interessat applika fuq www.10k.mt

**LAQGĦA TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar, fil-knisja Bażilika tan-Nadur. Din il-laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard ser titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef u fiha Mons. Joe Zammit ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-5:45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.*

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 22 ta' Frar, se ssir żjara fid-Dar ta' Frenċ tal-Għarb u ta' Karmni Grima. Wara jkun hemm ħin għall-kafè tad-Dbieġi. Niltaqgħu fid-9:30am ħdejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am